MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 544/2008

**Kasco Limited (C 17886)**

**vs**

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited (C 6404)**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta` attrici ppremettiet illi:

1. Is-socjeta` intimata Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited (C 6404) ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` mija u hamest elef, mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€105,140.93 ekwivalenti ghal Lm 45,137.00) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` prodotti mibjugha lilha fuq ordnijiet taghha stess u li baqa`

ma thallasx (kopja tal-prospett annessa u mmarkata bhala **Dok A**).

2. Is-socjeta` intimata giet interpellata verbalment sabiex thallas izda baqghet inadempjenti.

3. L-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, s-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`tissolleva ghat-talbiet rikorrenti;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tghaddi biex taqta` u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara lis-socjeta` intimata debitrici versu s-socjeta` rikorrenti fis-somma mija u hamest elef, mija u erbghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€ 105,140.93 ekwivalenti ghal Lm 45,137.00) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet mit-tletin gurnata wara d-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati permessi mil-ligi kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenut debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqat kontumaci u msejjha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-

procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fir-rikors, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------